**IN-NAXXAR**

# MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL
## IT-TMIEN KUNSILL
## SEDUTA NRU. 30 - L-ERBGĦA 21 TA' LULJU 2021

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-17:45.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Dr Christopher Deguara | Viċi-Sindku (permezz ta' zoom – 18:09) |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier (waslet fis-17:54) |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier (permezz ta' zoom) |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Assenti b'apoloġija: | Marlon Brincat | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Assistent Uffiċjal Prinċipali |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* fuq il-paġna ta' *Facebook.*

### 1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

1.1 Is-SE informa li kien irċieva imejl mingħand il-Kunsillier Brincat li ta r-raġuni tiegħu għalfejn ma setax jattendi għal-laqgħa. Il-Kunsill qies l-assenza tiegħu bħala ġustifikata. Huwa informa wkoll li l-Viċi Sindku kif ukoll il-Kunsillier Gatt qed jingħaqdu mal-laqgħa b'mod virtwali.

### 2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TL-MINUTI

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti (seduta numru 29) li saret nhar l-Erbgħa 30 ta' Ġunju 2021.

2.2 Il-Minuti kienu ikkunsidrati moqrija u ġew approvati *nem con* wara proposta mill-Kunsillier Deguara ssekondata mill-Kunsillier Gaffiero.

### 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku ppreżentat il-komunikazzjoni tagħha kif ġej:

3.2 Dan il-ħin waslet il-Kunsillier Cuomo l-ħin kien 17:54

3.3 Fis-7 ta' Lulju saret laqgħa mas-Sinjura Isabel Zerafa. Ġie diskuss il-Junior Science Club. Is-Sinjura Zerafa talbet lill-Kunsill jikkordina dan il-proġett fejn studenti ta' bejn is-seba' u l-ħdax-il sena jipparteċipaw f'dan is-Science Club. Is-Sindku infurmat lis-SE sabiex jibgħat il-korrispondenza lill-Kunsilliera.

3.4 Fid-9 ta' Lulju s-Sindku flimkien mas-SE kienu mistiedna ġewwa The Theatre Next Door li għadu qed jiġi attrezzat u li jinsab fit-Triq il-Kappella ta' Santa Marija, il-Magħtab. Dan se jkun teatru *state of the art* u se joffri diversi faċilitajiet oħra.

3.5 Fit-12 ta' Lulju saret laqgħa ma' uffiċċjali tal-Gvern ġewwa l-Ġnien Santa Marija tal-Anġli Baħar iċ-Ċagħaq. Preżenti kien hemm is-SE flimkien mal-Kunsillier Cuomo. Ġie diskuss l-iskeda tax-xogħlijiet. Fil-ġimgħat li ġejjin se jiġi installat *rubber flooring* ġdid. Ġie deċiż li se jieħdu l-bankijiet il-*workshop* fejn se jiġu miżbugħin hemm hekk.

3.6 Is-Sindku infurmat li fl-14 ta' Lulju saret laqgħa mal-President ta' Malta fejn kienu mistiedna s-Sindki tar-Reġjun Tramuntana. Hi ddiskutiet diversi temi fuq diffikultajiet li jkollu l-Kunsill. Il-President ħeġġeġ lil kull Sindku sabiex jgħinuh għall-għaqda Nazzjonali. L-intervent tas-Sindku kien speċifikament fuq it-tnaqqir tal-awtonomija fil-Kunsill. Il-President irrisponda li s-Sindki ġew eletti demokratikament mill-poplu tal-lokalità u għalhekk il-Gvern għandu obbligu li jistma dak li jgħidu s-Sindki.

3.7 Fid-19 ta' Lulju is-Sindku kellha laqgħa tar-Reġjun.

3.8 Is-Sindku infurmat li fil-21 ta' Lulju saret laqgħa mal-Aġenzija Żgħażagħ. Preżenti għal-laqgħa, flimkien magħha, kien hemm is-SE kif ukoll uffiċjal mill-amministrazzjoni. Ġew diskussi inizjattivi u servizzi li joffru l-Aġenzija Żgħażagħ.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.1.1 Lista ta' pagamenti (immarkata Seduta tal-Laqgħa nr 8/30) anness f'appendiċi A.

5.1.2 Lista ta' dħul għax-xahar ta' Ġunju anness f'appendiċi B.

5.1.3 Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' Ġunju anness f'appendiċi Ċ.

5.1.4 Lista Ta' infiq mill-petty cash għax-xahar ta' Ġunju anness f'appendiċi D.

5.2 Il-Kunsill approva dawn ir-rapporti (*nem con*) wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Cuomo.

## 6. MINUTI TAL-KUMMITAT TAL-FINANZI

6.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret il-Ħamis 15 ta' Lulju (anness f'appendiċi E).

6.2 Il-Kunsill approva l-minuti (*nem con*) wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Cuomo.

**7. MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI**

7.1 Is-SE ressaq il-minuti/rapport tal-laqgħa tas-sottokumitat tat-talbiet u lmenti li saret il-Ħamis 15 ta' Lulju 2021 (anness f'appendiċi F).

7.2 Il-Kunsill approva l-minuti/rapport (*nem con*) wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Spiteri.

**8. BYE-LAW DWAR ATTIVITAJIET FIL-BERAĦ**

8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kienu nqalgħu intoppi mad-Dipartiment fejn il-Kunsill ġie mitlub jimla *check list* ġdida sitt ġimgħat wara li l-Kunsill kien issottometta *check list* li għal dak iż-żmien kienet il-verżjoni t-tajba u uffiċjali tad-DLG. Il-Kunsill kien infurmat li l-perjodu ta' tmien ġimgħat issa se jerġa jibda jgħodd minn meta tintbagħat l-aħħar verżjoni taċ-*check list* mimlija.

8.2 Il-Kunsill ħa parir legali fejn ġie aċċertat li t-talba tad-Dipartiment mhux aċċettabbli u tmur kontra l-liġi.

8.3 It-tmien ġimgħat kienu skadew il-Ħamis ta' qabel u ma kienu waslu l-ebda talbiet għal emendi mill-Ministru. Kienu waslu biss mistoqsijiet fuq il-formola applikabbli u din ġiet iċċarata bl-informazzjoni li wieħed isib fuq applikazzjonijiet simili, inkluż dawk relatati mal-applikazzjonijiet għall-permessi.

8.4 Is-Sindku infurmat ukoll li dak in-nhar filgħodu kienet għaddejja kommunikazzjoni bejn id-Direttur Ġenerali u s-SE, dan minħabba li qed issir tentattiv mid-Dipartiment biex il-Kunsill ma jipproċedix.

8.5 Is-SE ikkontesta u talab lid-DG jindikalu liema klawsoli tal-liġi d-Dipartiment qed jinterpreta. Id-DG ma provda l-ebda bażi legali u għalhekk dan issaħħaħ l-argument u l-pariri legali li għandu l-Kunsill huma korretti.

8.6 Il-Kunsill approva l-bye law wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Spiteri (kopja annessa f'G).

8.7 Is-Sindku infurmat li fid-dawl li huwa evidenti li l-Gvern għandu interess jimblokka din il-*bye law* minkejja li m'għandu l-ebda bażi legali, s-Sindku proponiet sabiex il-Kunsill jieħu kull pass legali inkluż ukoll li tinfetaħ kawża l-qorti kontra l-Gvern sabiex jiġi mħares l-interess tal-Kunsill u r-residenti.

8.8 Il-Kunsill qabel wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Cuomo.

**9. SERVIZZ TA' AVUKAT/I**

9.1 Is-SE informa lill-Kunsillieri li fil-preżent ma hemm l-ebda kuntratt fis-seħħ ma' avukat.

9.2 L-avukat li preżentament il-Kunsill qed jinqeda bih ġieli ma jkunx jista' jaqdi lil Kunsill malajr u għalhekk kien hemm qbil li skont il-każ speċifiku, jkun jista' jintgħażel avukat wara li s-SE jkun kiseb il-konferma tas-Sindku.

**10. APPLIKAZZJONI GĦAL ŻVILUPP TA' CARAVAN SITE TEMPORANJA**

10.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera li l-Kunsill diġa' ħareġ stqarrija għall-istampa bi qbil bejn il-Kunsillieri b'mod elettroniku. Hija xtaqet li din tiġi kkonfermata permezz tal-laqgħa tal-Kunsill.

10.2 Il-Kunsill qabel u kkonferma l-approvazzjoni għall-istqarrija relatata li ġiet ippublikata.

**11. SAFE ROUTES TO SCHOOL PROJECT**

*11.1* Il-Kunsillier Gatt informa li dan il-proġett se jkun proġett għalih u m'għandu x'jaqsam xejn mal-proġett slow streets.

11.2 Dan il-proġett se jkun għal dawk it-tfal li jkunu sejrin l-iskola bil-mixi sabiex ikunu aktar siguri. It-tliet rotot li l-aktar jintużaw huma fejn il-Kappella ta' San Pawl tat-Tarġa, viċinanzi tal-Mitħna tal-Għaqba, viċinanzi fejn se jiġi l-proġett Outdoor Gym u fi Vjal 21 ta' Settembru. Il-Kunsillier Gatt qal li l-ħsieb ta' wara dan il-proġett hu li aktar il-quddiem jiżdiedu aktar toroq.

11.3 Ġie diskuss rigward l-applikazzjoni tal-mobility week. Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika taħt kategorija A.

11.4 Il-Kunsill approva li l-Kunsillier Gatt għandu jkompli bid-diskussjonijiet u jipproċedi bil-proċessi kollha meħtieġa biex jintlaħaq l-għan tal-inizjattiva Safe Routes to School.

**12. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

12.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-25 ta' Awwissu 2021 fis-17:45.

12.2 Il-Laqgħa ntemmet fis-18:39.

**ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI**
**SINDKU**

**PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**